C/2024/3121

8.5.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11429 — TIL / PBV / PSA CANADA VENTURES)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/3121)

1. Fid-29 ta' April 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— PSA International Pte Ltd. ("PSA", Singapore),

— Terminal Investment Limited Holding S.A. ("TIL", il-Lussemburgu), ikkontrollata b'mod konġunt minn MSC Mediterranean Shipping Company SA (l-Iżvizzera) u ċerti fondi ġestiti minn Global Infrastructure Management, LLC (l-Istati Uniti).

PSA u TIL se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' PSA Canada Ventures Ltd ("PCV", il-Kanada), li bħalissa hija kkontrollata indirettament minn PSA permezz tal-kumpanija azzjonarja tagħha PSA Belgium Ventures BV ("PBV", il-Belġju).

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— PSA huwa operatur globali tat-terminals tal-portijiet,

— TIL tinvesti f'terminals tal-kontejners, jiżviluppa u timmaniġġja t-terminals tal-kontejners madwar id-dinja.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża PCV huma l-operat taż-żewġ terminals tal-kontejners fil-port ta' Halifax, il-Kanada: PSA Halifax Atlantic Hub u PSA Halifax Fairview Cove.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11429 — TIL / PBV / PSA CANADA VENTURES

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË